MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2012

Numru. 149/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Stephen Micallef]**

**vs**

**Corrado Riani**

**Illum, 11 ta' Frar 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Corrado Riani ta' 42 sena, bin Natale and Franca nee' Fontana, imwieled Siracusa fit-13 ta' Frar, 1969 residenti Via Algeri 72 Siracusa u detentur tal-karta tal-identita bin-numru AS 4744758.

Akkuzat talli fl-10 ta' Frar, 2012, ghall-habta ta' hdax ta' bil-lejl, mal-wasla tieghu fil-port ta' Malta fuq il-qoxra tal-

bahar MV Jean De La Vallette li originat minn Pozzallo, Sqallija.

1. Zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti ta’ l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi, u cioe’ taz-Zebbug Coccothraustes Coccothraustes; Griedel Carduelis carduelis; u Vrieden Carduelis chloris, kontra id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L 79 tal-2006) meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati ma’ l-Awtorita’ Kompetenti sal-31 ta’ Mejju, 2003 u minghajr ma inghata il-permessi, jew certifikati mill-Awtorita’ Kompetenti sabiex izzomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta’ regolament 4(1)(e) ta’ l-A.L 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat.
2. Zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta’ r-Regolamenti ta’ l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi, u cioe’ Taz-Zebbug Coccothraustes Coccothraustes; Griedel Carduelis carduelis u Vrieden Carduelis chloris, meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikun jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta’ dak l-Istat Membru l-iehor u dawk l-ghasafar kienu migjubin f’ Malta wara l-1 ta’ Mejju, 2004 u dan bi ksur ta’ regolament 4(1)f) ta’ l-A.L 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat.
3. Importa jew esporta, biegh, garr ghall-bejgh, zamm ghall-bejgh jew offra ghall-bejgh ghasafar hajjin jew mejtin jew parti li tista’ tingharaf ta’ xi ghasfur li huma mharsa taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi (A.L 79 tal-2006) u cioe’ taz-Zebbug Coccothraustes Coccothraustes; Griedel Carduelis carduelis u Vrieden Carduelis chloris, u dan bi ksur ta’ regolament 6(1) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat.
4. Waqt li kien fil-pussess ta’ ghasafar, kemm hajjin u kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur regolati skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 6 (1) ta’ r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L 79 tal-

2006) u cioe’ taz-Zebbug Coccothraustesoccothraustes; Griedel Carduelis carduelis u Vrieden Carduelis chloris, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghal dak iz-zmien kollu li kien fil-pussess tal-kampjuni, il-permess, certifikati u dokumenti ohra kollha li jkunu ta’ prova ghas-sodisfazzjoni tal-awtorita kompetenti li dak il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti Dwar il-Konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi (A.L 79 tal-2006) u dan bi ksur ta’ regolament 6(3) tal-A.L 79 tal-2006.

Il-Qorti, giet mitluba illi f’ kaz ta’ sejbien ta’ htija, barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta’ l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta’ l-ghasafar selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat.

Akkuzat ukoll fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi
5. talli fl-10 ta’ Frar, 2012, mal-wasla tieghu f’ Malta minn Sqallija mal-Katamaran “Jena De La Vallette”, gewwa Deep Water Quay, xjentement dahhal f’ Malta kwantita ta’ ghasafar tal-ghana kif deskritt hawn taht. Dawn l-ghasafar tal-ghana instabu wara tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija fil-vettura tieghu tal-marka Mitsubishi bin-numru tar-registrazzjoni CE 153 LE.

i. Tlieta u tletin (33) Haw Finches (hajjin)
ii. Tlett (3) Green Finches (hajjin)
iii) Mija, tmienja u ghoxrin (128) Gold Finches (hajjin)
iv) Hames (5) Gold Finches (mejta)

Dawn l-ghasafar tal-ghana, li gew imdahhlin f’ Malta huma projbiti u/jew ristretti, ghandhom valur totali ta’ €8,050; Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammonta ghal €1,449.

Dan bi ksur tal-Artikoli 60(b)(k), 62(a)(b)(f)(g)(h)(i), 68(1), 69(1)(2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37. tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dawn l-ghasafar tal-ghana u l-vettura inqabdu bin-noti ta' Qbid 18/2012 u 19/2012 rispettivament.

Akkuzat ukol fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi
6. talli fl-10 ta' Frar, 2012, mal-wasla tieghu f' Malta minn Pozzallo, Sqallija mal-Katamaran 'Jean De La Vallette' gewwa Deep Water Quay, xjentement, dahhal f' Malta kwantita t' ghasafar tal-ghana kif deskritt hawn taht. Dawn l-ghasafar tal-ghana nstabu wara tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija fil-vettura tieghu tal-marka Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni CE 153 LE.

i) Tlieta u tletin (33) Haw Finches (hajjin)
ii) Tlett (3) Green Finches (hajjin)
iii) Mija tmienja u ghoxrin (128) Gold Finches (hajjin)
iv) Hames (5) Gold Finches (mejta)

Dawn l-ghasafar tal-ghana li gew imdahhlin f' Malta huma projbiti u/jew ristretti u ghandhom valur totali ta' €8,050.00c u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammonta ghal €1,449.00c, liema Taxxa ma kinitx giet imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Onorabbli Qorti sabiex tordna l-konfiska ta' vettura CE 153 LE taht l-Ordinanza tad-Dwana.

Rat l-artikoli 60(b)(k), 62(a)(b)(f)(g)(h)(i), 68(1), 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4(1)(e)(f), 6(1)(3) ta' l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif sussegwentement emendat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, kif ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 60(b)(k), 62(a)(b)(f)(g)(h)(i), 68(1), 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4(1)(e)(f), 6(1)(3) ta' l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif sussegwentement emendat, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin u tikkundannah ukoll ghal multa ta' tlett mitt Euro (€300). In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-vettura sekwestrata ta' tip Mitsubishi b' numru ta' registrazzjoni CE 153 LE u l-konfiska ta' l-ghasafar sekwestrati b' dan li, a karigu ta' Stanley Gatt ufficjal tal-M.E.P.A., dawn l-ghasafar ghandhom jinhelsu fl-ambjent naturali taghhom. L-imputat huwa skwalifikat milli jkollu u/jew jottjeni kwalunkwe licenzja u/jew permess taht l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif sussegwentement emendat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------